# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar 2025**

**Rikors Nru: 220/2024**
**Nru fuq il-Lista: 3**

**Mariella Borg (K.I. Nru. 0259769M) u Giovanna sive Jane Debattista (K.I. Nru. 530544M).**

**vs**

**Paul Cilia (K.I. Nru. 652550M) u L-Awtorità tad-Djar *(bħala intervenuta fil-proċedimenti ai termini tal-Artikolu 12B(3)(a) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta)***

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur imressaq fil-15 ta' Mejju 2024[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn *ad litteram* ġie premess u mitlub hekk:

1. *Ir-rikorrenti Mariella Borg hija l-proprjetarja tal-appartament numru 2 formanti parti minn korp ta' appartamenti bl-isem ta' Zeppellin Flats,*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

*numru 30, Triq Ponsonby, Gzira filwaqt li r-rikorrenti Giovanna sive Jane Debattista ghandha l-usufrutt fuq l-imsemmi fond u dan skont kif jidher mit-testmenti, ricerki testamentarji u causa mortis annessi u mmarkati 'Dok A, Dok B, u Dok C rispettivament.*

2. *Il-fond de quo qieghed jigi okkupat mil-intimat Paul Cilia fejn ilu minnu okkupat ghal dawn l-ahhar snin. L-predecessuri fit-titolu tar-rikorrenti Mariella Borg, taghaw u kkoncedew b'titolu ta' subenfitewsi temporanea ghal zmien wiehed u ghoxrin (21) sena mis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena 1990 l-imemmi fond lill-intimat Paul Cilia, versu s-subcens annwu u temporaneu ta' mija sittin lira Maltin (LM160) pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem u dan skond il-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa li jinsab hawn anness u identifikat bhala Dok D.*

3. *In oltre skont ir-rapport tal-Perit Mario Formosa l-istima tal-valur tas-suq miftuh tal-fond u dan wara li ssir il-manutenzjoni inkluz it-tiswijiet tad-diversi hsarat ikkagunati mil-intimat Paul Cilia u kif ukoll wara li jigu regolati l-alterazzjonijiet li ghamel l-istess intimat Paul Cilia fl-istruttura tal-fond, jammonta ghas-somma ta' mitejn u disghin elf ewro (€290,000) u dan hekk kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. E.*

4. *Kif juri r-rapport surriferit u kif jista' jiddetermina dan l-Onorabbli Qorti u jekk ikun hemm il-htiega permezz tal-hatra tal-periti nominandi, il-kirja mircieva mir-rikorrenti ma tirriflettix il-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuh u kif ukoll il-hsarat li hemm fil-fond de quo huma konsegwenza ta' nuqqasijiet da parti tal-intimat Paul Cilia.*

5. *Ir-rikorrenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom minn dak provdut fl-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-kera tal-fond fuq imsemmi tigi riveduta ghal ammont li ma jeccediex tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh, liema valur jigi kkalkolat kif kien fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena kurrenti.*

6. *Fl-istadju inizjali tas-smiegh ta' dan ir-rikors dan l-Onorabbli Qorti ghandu jipprocedi a tenur tal-Artikolu 12B(3)(c) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta u jghaddi sabiex iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat Paul Cilia skond ir-regolament dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) mahruga taht artikoli 1622A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kwalunkwe regolamenti u/jew ligijiet ohra pertinenti.*

7. *Jekk l-intimat Paul Cilia ma jissodisfax il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi dan l-Onorabbli Qorti ghandu jaghti decizzjoni li tippermetti lill-intimat zmien sentejn sabiex il-fond de quo jigi vakat minnha u l-pussess ritornat lil-rikorrenti. F'tali eventwalita' ghandu jigi ordnat li jithallas kumpens lill-esponenti fil-mod imfisser fl-Artikolu 12B(4) jew kwalunkwe artikolu pertinenti iehor tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex jinhalaq bilanc proporzjonali bejn id-dritt tas-sid ossia l-intimati li jircievu kera xierqa ghall-fond li jippartjeni lilhom.*

***Ghaldaqstant jghidu ghalhekk l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi 'l ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:***

1. *Jiddikjara li l-intimat Paul Cilia qieghed izzomm l-fond riferut hawn fuq b'kirja taht il-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Jiddikjara li l-kera prezentament imhallsa mil-intimat Paul Cilia mhijiex proporzjonata mal-valur lokatizju tal-fond.*
3. *Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimati skont kif provdut fl-artikolu 12B(3)(c) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta u kwalunkwe regolamenti ohra applikabbli u jaghti dawk l-ordinijiet kollha necessarji.*

4. *Fl-eventwalita' li l-intimat Paul Cilia jissodisfa t-test tal-mezzi, jiddeciedi u jordna illi l-kera ghandha tigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh tal-fond lokatizju fl-1 ta' Jannar tas-sena kurrenti.*

5. *Ukoll fl-eventwalita' li l-intimat Paul Cilia jissodisfa it-test tal-mezzi, jordna illi l-intimat Paul Cilia jhallas lir-rikorrenti l-kera kif riveduta liema kirja ghandha tkun adegwata u konformi mal-valur tal-fond kif stabbilit u dan ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta.*

6. *Ukoll fl-eventwalita' li l-intimat Paul Cilia jissodisfa it-test tal-mezzi, jistabbilixxi kondizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera billi, fost affarijiet ohra jghaddi l-obbligi kollha rigward manutenzjoni ordinjarja u straordinarja sia dik esterna u interna tal-fond fuq l-intimat Paul Cilia.*

7. *F'kaz li l-intimat Paul Cilia ma jissodisfax il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, li l-intimat Paul Cilia jigi ordnat jirritorna il-pussess battal tal-fond Zeppellin Flats, numru 30, Flat 2, Triq Ponsonby, Gzira fi zmien sentejn (2) u li sakemm dana jsehh, jigi ffissat u ordnat*

*jithallas kumpens lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 12B(4) tal-istess Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta.*

8. *Jaghti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa.*

*Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali fejn applikabbli kontra l-intimati, inkluz l-imghax legali fejn applikabbli, b'riserva u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha spettanti lir-rikorrenti, inkluzi dawk ta' natura kostituzzjoniali, u kif ukoll b'riserva ghad-drittijiet kollha taghhom fil-konfront tal-intimati li jinsabu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord tas-17 ta' Mejju 2024[2].

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar mressqa fl-4 ta' Ġunju 2024[3].

Ra r-risposta tal-intimat mressqa fit-23 ta' Awwissu 2024[4].

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2024[5], fejn ġew maħtura l-Periti Robert Musumeci u Bernice Van Dijk sabiex iħejju stima tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ra r-rapport peritali tal-Membri Tekniċi mressaq fis-26 ta' Novembru 2024[6], rigwardanti l-fond mertu ta' dawn il-proċeduri.

[2] A fol 93 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 97 tal-proċess.
[4] A fol 103 *et seq* tal-proċess.
[5] Verbal relattiv jinsab a fol 105 *et seq* tal-proċess.
[6] A fol 107 *et seq* tal-proċess.

Ra n-nota ġuramentata tal-intimat imressqa fis-6 ta’ Diċembru 2024[7] kontenenti dokumentazzjoni meħtieġa għat-twettieq tat-test tal-mezzi.

Ra dak li seħħ fis-seduta tad-9 ta’ Diċembru 2024[8] fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta’ kirjiet ibbażati fuq il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta’ Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[9] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta’ sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet fundamentali ta’ sidien, kemm fir-rigward ta’ kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta’ diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li għandu jintuża[10]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ,

[7] Nota relattiva tinsab a fol 118 *et seq* tal-proċess.
[8] Verbal relattiv jinsab a fol 194 tal-proċess.
[9] Att XXVII tas-sena 2018.
[10] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x’għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta’ Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B’hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.

sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[11]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f'każ fejn xi sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li huma sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f'każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta' kontinwazzjoni ta' dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b'persentaġġ tant baxx li l-kirja l-ġdida tispicca wkoll tkun waħda irriżorja.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern.

Illi dwar it-titolu[12], il-Bord huwa sodisfatt mid-dokumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti, li baqgħet ma ġietx kontradetta, u saret ukoll dikjarazzjoni ta' rikonoxximent f'dan is-sens fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2024. Madanakollu, kif anke ġie dikjarat mir-rikorrenti fir-rikors promotur, jirriżulta li skont dikjarazzjoni *causa mortis* tas-sena 2024[13] hija biss ir-rikorrenti Giovanna *sive* Jane Debattista li għadnha d-dritt tal-kera u dan għaliex ingħatat b'titolu ta'

---

[11] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Anthony Said *et* vs Avukat tal-Istat *et*</u>**, (Rik Kost Nru: 302/23AJD) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Settembru 2024. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et*</u>**, (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet f'dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **<u>Marcus Scicluna Marshall *et* vs Michael Borg Cardona</u>**, (Appell Inferjuri Numru 723/22LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ġunju 2024 u fid-deċiżjoni fl-ismijiet **<u>Albert Naudi *et* vs Patricia Gauci *et*</u>**, (Appell Inferjuri Nru. 170/19LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2021 , fejn fiż-żewġ istanzi aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

[12] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-proprjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".

[13] A fol 68 *et seq* tal-proċess.

legat l-użufrutt *vita naturale durante* fuq l-assi kollha. S'hawnhekk allura, jirriżulta li hija biss Giovanna sive Jane Debattista li għandha l-jedd għall-kirja, ġaladarba r-rikorrenti l-oħra għandha biss in-nuda proprjeta'[14].

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-intimat Cilia relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord isib li huwa jissodisfa t-test tal-mezzi rikjesti, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[15].

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni, fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal mitejn u għoxrin elf Ewro (€220,000). Tajjeb jingħad li fil-verbal tal-25 ta' Ottubru 2024, ġie speċifikat li ma kellux jittieħed qies tal-eventwali potenzjal tal-fond

---

[14] Fost oħrajn, il-Bord jissenjala s-sentenza fl-ismijiet **Richard Zahra vs l-Avukat tal-Istat *et***, (Rik Kost Nru: 564/2021/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-25 ta' Ottubru 2023 fejn ingħad hekk: "*Id-dokumenti li fuqhom l-attur jibni l-pretensjonijiet tiegħu juru li bejn l2014 u l-2020 il-fond kien soġġett għall-użufrutt ta' missieru, li jfisser għalhekk li l-jedd li jirċievi l-kera – u wkoll il-jedd għad-danni jekk il-liġi ċaħħditu minn kera xieraq – kien imss lill-missier (jew lill-komunjoni talakkwisti bejn il-missier u l-omm) u mhux lill-attur. Jekk l-attur qiegħed jallega li missieru irrinunzja għall-użufrutt, l-oneru tal-prova li hekk ġara hija fuq l-attur, iżda dik il-prova ma saritx.*" Bl-istess mod, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Pace *et* vs Avukat tal-Istat *et***, (Rik Kost Nru: 223/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-12 ta' Lulju 2023. Hekk ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dr Aldo Fiorini *et* vs L-Avukat tal-Istat *et*,** (Rik Kost Nru: 357/2022) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Jannar 2024 (mhux appellata) fejn ġie ġustament ritenut hekk: "*It-terminazzjoni tal-użufrutt, bil-mewt jew mod'ieħor, kienet prova ta' mportanza kbira, partikolarment meta wieħed iqis li meta jkun veljanti fuq immobbli jedd ta' użufrutt, huwa l-użufruttwarju li għandu d-dritt ta' tgawdija fuq dak l-immobbli u fuq il-frottijiet tiegħu, ad esklużjoni tas-sid. Li jfisser li huwa biss l-użufruttwarja li, matul il-pendenza tal-użufrutt, għandu "possediment" għal finijiet tal-Konvenzjoni, u kwindi l-użufruttwarju li jista' jilmenta minn ksur tad-dritt fondamentali u mhux is-sid.*"

[15] Regolamenti 5(6) u 6(5).

in kwistjoni[16]. Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord qiegħed jaċċetta dik il-konklużjoni[17].

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi[18]. B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandu jkun fl-ammont ta' erbat elef u erba' mitt Ewro (€4,400) fis-sena.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

---

[16] F'dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Agostina sive Ina Cini *et* vs L-Avukat tal-Istat *et*** (Rik Nru. 107/2022) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-18 ta' Novembru 2024, fejn ġie mtenni hekk: "*F'sentenzi oħra ta' din ix-xorti lqorti diga' għamlitha ċara li l-potenzjal ta' żvilupp tal-fond hu rrilevanti. Meta tiġi għal-likwidazzjoni tal-kumpens pekunjarju, dak li hu rilevanti hu stima tal-kera tal-fond kif inhu fiż-żmien rilevanti. Il-potenzjal ta' żvilupp hu rilevanti li kieku l-fond ikun ser jinbiegħ. F'dawn il-każijiet il-fond jibqa' proprjeta' tas-sidien.*" Referenza ssir ukoll għas-sentenza ta' dan il-Bord fl-ismijiet **Gerald Camilleri *et* vs Alphonse Camilleri *et*,** (Rik Nru: 213/2020) mogħtija nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata) li fiha ġew imħaddna l-prinċipji relattivi emerġenti mill-aħħar sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Dan il-ħsieb ġie wkoll imtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Joanne Cassar *et* vs Frances Azzopardi** (Rik Nru: 450/22NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar is-17 ta' Ottubru 2024; fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Bonello *noe* vs Joseph Cardona *et***, (Rik Nru: 53/20NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar il-25 ta' Jannar 2024; u fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Callus *et* vs Carmel Debattista *et*** (Rik Nru: 620/22NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar is-27 ta' Ġunju 2024. Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mario Cini *et* vs Rose Busuttil,** (Rik Nru: 682/2022LC) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar it-18 ta' Ottubru 2024.

[17] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

[18] Ara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Rossana Mula *et* vs Maria Theresa k/a Marthese Farrugia**, (Rik App Nru: 346/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-13 ta' Marzu 2024, u fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela Bugelli *et* vs Saviour Bonnici *et*.,** (Rik App Nru: 760/2022LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' Mejju 2024 fejn ġiet mibdula l-pożizzjoni mħaddna mill-istess Qorti f'deċiżjonijiet passati bħal dik fl-ismijiet **Louis Vincenti *et* vs Maria sive May Herrera *et***, (App Ċiv Nru: 237/18LM) mogħtija fis-7 ta' Lulju 2023, u fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Rose Spiteri *et* vs Antoine Farrugia *et***, (App Ċiv Nru: 265/2021) mogħtija fl-24 ta' Mejju 2023.

1) Jilqa' l-ewwel talba u b'hekk jiddikjara li l-intimat Paul Cilia huwa l-inkwilin tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri u ċioé dak enumerat 30, Zeppelin Flats, Flat 2, Triq Ponsonby, ġewwa l-Gżira, u dan ai termini tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.
2) Jilqa' it-tieni, ir-raba', l-ħames u t-tminn talba u b'hekk jordna li l-intimat Paul Cilia jibda' jħallas lir-rikorrenti Giovanna *sive* Jane Debattista kera għall-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, fl-ammont ta' erbat elef u erba' mitt Ewro (€4,400) fis-sena, fl-ammont ta' tlett mija u sitta u sittin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€366.66ċ) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem, u dan mid-data ta' din is-sentenza.
3) Jastjeni milli jqis iktar it-tielet talba billi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri.
4) Jiċħad is-sitt talba konċernanti impożizzjoni ta' kundizzjonijiet ġodda għal kera peress li dawn qatt ma ġew speċifikati u wisq anqas ippruvati. Fi kwalunkwe każ, għandha tgħodd il-liġi.
5) Jiċħad is-seba' talba (li ngħatat b'mod alternattiv).
6) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.

Minħabba n-natura tal-proċeduri kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha. L-ispejjeż tal-Awtorità tad-Djar jibqgħu bla taxxa.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur